MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2006

Numru 924/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**Vs**

Sylvester Silvio Cilia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Sylvester Silvio Cilia ta' karta ta' identita' numru 397285(M), akkuzat talli:

a) fil-lejl bejn it-2 u t-3 ta' April 2005 gewwa Triq il-Kbira Zebbug, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni WEB257, liema hsara tiskorri l-hamsin Lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500) ghad-

dannu tas-sid Philip Caruana (skond l-Art. 325 (1b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) fl-istess lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt u cioe' jikkommetti serq ta' stereo ta' l-ghamla Pioneer minn vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni WEB 257 ghad-detriment ta' Philip Caruana, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu (skond Art. 41 (1a), 263a, 270, 271g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

c) fl-istess lok, hin u cirkostanzi fi Triq l-Angli zebbug, ikkommetta serq ta' stereo ta' l-ghamla Panasonic minn vettura ta' l-ghamla Maruti bin-numru tar-registrazzjoni FBB312 ghad-detriment ta' Joseph Scicluna, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa (skond l-Art. 270, 271g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

d) fl-istess lok, hin u cirkostanzi fi Triq San Martin Zebbug, ikkommetta serq ta' stereo ta' l-ghamla Sonashi minn vettura ta' l-ghamla Kia bin-numru tar-registrazzjoni BAU521 ghad-detriment ta' Margaret Agius, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa (skond l-Art. 270, 271g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

e) fil-lejl bejn it-2 u t-3 ta' April 2005 fi Mdina Road Qormi, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat u cioe' fi hsara volontarja fuq vettura ta' l-ghamla Fiat bin-numru tar-registrazzjoni PUP007, liema hsara tiskorri il-hamsin Lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500) ghad-dannu tas-sid John Coleiro (skond l-Art. 42d, 325 (1b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

f) fl-istess lok, hin u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat u cioe' jikkommetti serq ta' stereo minn vettura ta' l-ghamla Fiat bin-numru tar-

registrazzjoni PUP007 ghad-detriment ta’ John Coleiro, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu (skond l-Art. 41 (1a), 42d, 263a, 270, 271g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

g) fl-istess lok, hin u cirkostanzi, fi Mdina Road Qormi, xjentement ghen jew assita lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat u cioe’ jikkommetti serq ta’ stereo ta’ l-ghamla Kenwood minn vettura ta’ l-ghamla Citroen bin-numru tar-registrazzjoni LCE652 ghad-detriment ta’ Mark Cini, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa (skond l-Art. 42d, 263a, 270, 271g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

h) fl-istess lok, hin u cirkostanzi, fi Mdina Road Qormi, xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat u cioe’ fi hsara volontarja fuq vettura ta’ l-ghamla Citroen bin-numru tar-registrazzjoni LCE652, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin Lira Maltin (Lm50) ghad-dannu tas-sid Mark Cini (skond l-Art. 42d, 325 (1c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

i) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex jnieghhom jew jmexxihom (skond l-Art. 334a tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa’ jippersisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat ta’ serq, hsara volontarja, attentat u komplicita’ f’serq u ricettazzjoni.

L-ammissjoni tal-imputat ghar-reati kontrih dedotti hija wahda volontarja u inkondizjonata. Pero’ ir-reat ta’ serq u ricettazzjoni huma in alternattiva ghal xulxin. Fil-kaz in meritu mill-istqarrija tal-imputat jipprevali dak ta’ serq, l-attentat u l-komplicita’ fih. Ghal dik li hi piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tal-imputat, l-eta tieghu u l-fatt li huwa sejjer jaghmel programm ta’ rijabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga. Rat l-Artikolu 325(1)(b), 41(1a), 263(a), 270, 271(g), 278, 282, 42(d). Tiddecidi li tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendi ghall-erba’ snin mill-lum u oltre qeghdha tinnomina ufficjal tal-probation ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------